

Brussell, 18 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

14808/09
DCL 1

CONSOM 196
MI 387
USA 89
EDPS 7
DATAPROTECT 66

DEKLASSIFIKAZZJONI

tad-dokument: ST 14808/09 RESTREINT UE/EU RESTRICTED

data: 21 ta' Ottubru 2009

status ġdid: Pubbliku

Suġġett: Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika għal ftehim dwar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sikurezza ta' prodotti għall-konsumatur

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.

It-test ta' dan id-dokument huwa identiku għal dak tal-verżjoni preċedenti.

RESTREINT UE



KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 21 ta' Ottubru 2009 (22.10)
(OR. en)

14808/09

RESTREINT UE

CONSOM 196
MI 387
USA 89
EDPS 7
DATAPROTECT 66

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru prop. Cion:	12536/09 CONSOM 154 MI 294 USA 63 EDPS 6 DATAPROTECT 52 RESTREINT UE
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika għal ftehim dwar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sikurezza ta' prodotti għall-konsumatur

1. Fis-27 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tagħha għal awtorizzazzjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika għal ftehim dwar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sikurezza ta' prodotti għall-konsumatur.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni u l-Informazzjoni tal-Konsumatur iddiskuta l-kwistjoni fit-2 ta' Ottubru 2009 u l-ftehim dwar it-test tal-abbozz ta' deċiżjoni kif meħmuż ma' din in-nota, kien ikkonfermat sussegwentement permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub.

RESTREINT UE

3. Ġie ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex:
- a. jadotta, bħala punt "A", l-abbozz ta' Deċizzjoni tal-Kunsill meħmuż ma' din in-nota;
 - b. jaħtar il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni u l-Infurmazzjoni tal-Konsumatur bħala Kumitat speċjali biex jassisti lill-Kummissjoni fil-kompitu tagħha kif previst fl-Artikolu 300, paragrafu 1, tat-Trattat KE.

DECLASSIFIED

RESTREINT UE

ANNEX

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

TA'...

li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika

għal ftehim dwar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sikurezza ta' prodotti
għall-konsumatur

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 95 u l-Artikolu 300(1), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

DECLASSIFIED

RESTREINT UE

Artikolu Uniku

Fir-rigward ta' kwistjonijiet fil-qasam Komunitarju ta' kompetenza, il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata biex tinnegozja f'isem il-Komunità Ewropea ftehim dwar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sikurezza ta' prodotti għall-konsumatur.

In-negozjati għandhom jitmexxew mill-Kummissjoni skont id-Direttivi ta' Negozjar stabbiliti fl-Anness u b'konsultazzjoni mal-Komitat speċjali maħtur mill-Kunsill skont l-Artikolu 300(1), tat-Trattat.

DECLASSIFIED

RESTREINT UE

Anness għall-ANNESS

DIRETTIVI TA' NEGOZJAR MAL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA GĦAL FTEHIM DWAR KOOPERAZZJONI U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI FIL-QASAM TAS-SIKUREZZA TA' PRODOTTI GĦALL-KONSUMATUR

1. L-għan ta' dawn in-negozjati għandu jkun il-konklużjoni ta' ftehim li jkopri kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fil-qasam tas-sikurezza ta' prodotti għall-konsumatur bejn il-Komunità u l-Istati Uniti tal-Amerika.
2. Il-Kummissjoni għandha tinnegozja biex tiżgura li kwalunkwe ftehim
 - (1) jipprovdi bażi legali aktar qawwi għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika fil-qasam tas-sikurezza ta' prodotti għall-konsumatur, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/95/EC¹ u f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008² inkluż għall-għoti ta' aċċess għas-Sistema Komunitarja ta' Informazzjoni Rapida għal informazzjoni dwar prodotti għall-konsumatur li mhumiex tal-ikel (RAPEX);
 - (2) huwa bbażat fuq ir-reċiproċità, kif definit fil-ftehim rilevanti, u jipprevedi l-kondizzjonijiet u s-salvagwardji meħtieġa biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali;
 - (3) jipprevedi parteċipazzjoni fl-iskambju ta' uffiċjali, attivitajiet konġunti u forom oħra ta' kooperazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE mal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti tal-Amerika;

¹ Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti, ĠU L11, 15.1.2002, p. 4.

² Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

RESTREINT UE

- (4) jistabbilixxi, kif meħtieġ, l-arranġamenti finanzjarji għall-kooperazzjoni msemmija hawn fuq mal-Istati Uniti tal-Amerika, inkluża kontribuzzjoni finanzjarja għall-operazzjoni u l-manutenzjoni teknika u għall-aġġornament ta' kwalunkwe bażi ta' data li tista' tiġi stabbilita jew li tista' tintuża għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni;
 - (5) jipprevedi kondizzjonijiet u s-salvagwardji meħtieġa għall-ipproċessar ta' data personali kkomunikata lill-Istati Uniti tal-Amerika biex ikun żgurat livell ta' protezzjoni tad-data personali skambjata skont il-prinċipji tad-Direttiva 95/46/KE³ u r-Regolament (KE) No 45/2001⁴ ;
 - (6) jipprevedi, fejn meħtieġ, l-istabbiliment ta' Kumitat Konġunt, magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti, biex jiżgura l-applikazzjoni xierqa ta' kwalunkwe ftehim li jirriżulta minn dawn in-negozjati, u l-adattament tiegħu għal leġislazzjoni Komunitarja ġdida jew leġislazzjoni emendata;
 - (7) jiġi adottat għal perijodu ta' żmien mhux limitat;
 - (8) jinkludi klawsola ta' reviżjoni li titlob lill-partijiet jikkunsidraw il-ħtieġa għal kwalunkwe emenda kull ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim; u
 - (9) għandu jintemm wara n-notifika tad-denunzja tal-ftehim ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti.
3. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill skont l-Artikolu 300(1) tat-Trattat dwar il-progress li jkun sar, b'mod partikolari dwar il-ftehimiet finanzjarji fil-punt 2(4) ta' hawn fuq, u, fejn adatt, dwar kwalunkwe problema li tista' tinqala' matul in-negozjati u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-eżitu tan-negozjati.

³ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1